DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2019/264

tas-7 ta' Frar 2019

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2017/464 (BiH/27/2019)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà biex jieħu deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE.

(2) Fis-7 ta' Marzu 2017, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/464 ([2]) li taħtar lid-Deputat Kmandant Alleat Suprem għall-Ewropa (DSACEUR), il-Ġeneral Sir James EVERARD bħala l-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina.

(3) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq innotifika lill-Kunsill Ewropew, f'konformità mal-Artikolu 50(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, bl-intenzjoni tiegħu li jirtira mill-Unjoni Ewropea.

(4) Fit-8 ta' Ottubru 2018, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ddeċieda fil-prinċipju li l-Viċi Kap tal-Persunal tal-Kwartieri Ġenerali Supremi tal-Potenzi Alleati fl-Ewropa (SHAPE) għandu jinħatar bħala Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina mid-29 ta' Marzu 2019, soġġett għall-konferma min-NATO tad-disponibbiltà tiegħu.

(5) Fis-7 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill tal-Atlantiku tat-Tramuntana kkonferma d-disponibbiltà tal-Viċi Kap tal-Persunal ta' SHAPE biex jassumi r-rwol tiegħu ta' Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina taħt l-Arranġamenti "Berlin plus", mid-29 ta' Marzu 2019.

(6) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Logutenent Ġeneral Olivier RITTIMANN, Viċi Kap tal-Persunal ta' SHAPE, jinħatar bħala Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina mid-29 ta' Marzu 2019 f'12:00 CET.

(7) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2017/464 titħassar.

(8) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża.

(9) Fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2002, il-Kunsill Ewropew ta' Kopenħagen adotta dikjarazzjoni li tgħid li l-arranġamenti "Berlin plus" u l-implimentazzjoni tagħhom ser japplikaw biss għal dawk l-Istati Membri tal-Unjoni li huma wkoll jew membri tan-NATO jew li huma partijiet fis-"Sħubija għall-Paċi", u li konsegwentement ikkonkludew arranġamenti bilaterali dwar is-sigurtà man-NATO,

([1]) ĠU L 252, 28.7.2004, p. 10.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2017/464 tas-7 ta' Marzu 2017 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina u li tħassar id-Deċiżjoni BiH/21/2014 (BiH/24/2017) (ĠU L 72, 17.3.2017, p. 70).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Logutenent Ġeneral Olivier RITTIMANN, Viċi Kap tal-Persunal tal-Kwartieri Ġenerali Supremi tal-Potenzi Alleati fl-Ewropa, huwa b'dan maħtur biex jieħu post il-Ġeneral Sir James EVERARD bħala Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina mid-29 ta' Marzu 2019 f'12:00 CET.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2017/464 hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' Marzu 2019.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2019.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

S. FROM-EMMESBERGER